

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

KUMMISSJONI

Avviż li jistieden proposti għad-deżinjazzjoni ta' żoni ta' estrazzjoni għall-produzzjoni ta' l-idrokarburi

(2007/C 277/07)

L-Uffiċċju Minerarju Distrettwali fi Bratislava, skond is-Sezzjoni 24(4) ta' l-Att Nru 44/1998 Coll. dwar il-protezzjoni u l-użu ta' riżorsi minerali (l-Att dwar il-Minjieri), kif emendat bl-Att Nru 498/1991 Coll. tal-Kunsill Nazzjonali Slovakk, l-l-Att Nru 219/2007 Coll., b'dan javża li r-Repubblika Slovakk qiegħda tnedi, via l-Uffiċċju Minerarju Distrettwali fi Bratislava bħala l-awtorità kompetenti, proċedura ta' selezzjoni għall-allokazzjoni/deżinjazzjoni ta' żoni ta' estrazzjoni għall-isfruttament tal-gass naturali (depożiti tar-Repubblika Slovakk), skond l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi, u jistieden partijiet interessati biex jippreżentaw proposti għad-deżinjazzjoni/allokazzjoni taż-żoni ta' estrazzjoni li ġejjin:

1. Depożitu Špačince — Bohunice (Depożitu Nru 14)

Isem taż-żona ta' estrazzjoni/numru ta'referenza: Bohunice/101/A

Il-medda taż-żona ta' estrazzjoni 89 999,75
fm²

Tip ta' materjal: gass naturali

Kobor tar-riservi ġeoloġiċi 70 000 000 m³ li minnhom 49 000 000 m³ huma kategorija vijabbli Z₂, depożiti ħielsa 21 000 000 m³ huma fil-kategorija potenzjalment vijabbli.

Żona tar-Reġistru (IČUTJ — numru ta' identifikazzjoni): Bohunice (822 400)

Distrett/ kodiċi tad-distrett: Trnava/207

Stat tas-sit ta' produzzjoni: Mindu kienet deżinjata ż-żona ta' estrazzjoni fl-1993, id-depożitu ma ġiex sfruttat.

Koordinati tal-vertiċi taż-żona ta' estrazzjoni Bohunice:

Vertiċi taż-żona ta' estrazzjoni	Lonġitudini	Latitudni
1.	17,62603032	48,46504993
2.	17,62377746	48,46729370
3.	17,62715155	48,46879190
4.	17,62940433	48,46654807

2. Depożitu Špaċinċe — Bohunice I (Depożitu Nru 15)

Isem taż-żona ta' estrazzjoni/numru ta'referenza: Bohunice I./101/A

Il-medda taż-żona ta' l-estrazzjoni f'm ²	89 997,76
Tip ta' materjal:	gas naturali
Kobor tar-riservi ġeoloġiċi	33 000 000 m ³ li minnhom 23 000 000 m ³ huma kategorija vijabbli Z ₂ depożiti ħielsa 10 000 000 m ³ huma fil-kategorija potenzjalment vijabbli.
Żona tar-Reġistru (IĊUTJ — numru ta' identifikazzjoni):	Bohunice (822 400)
Distrett/ kodiċi tad-distrett:	Trnava/207
Stat tas-sit ta' produzzjoni:	Mindu kienet deżinjata ż-żona ta' estrazzjoni fl-1993, id-depożitu ma ġiex sfruttat.

Koordinati tal-vertiċi taż-żona ta' estrazzjoni Bohunice I

Vertiċi taż-żona ta' estrazzjoni	Lonġitudini	Latitudni
1.	17,62616647	48,47574676
2.	17,62417458	48,47809730
3.	17,62770997	48,47942165
4.	17,62970175	48,47707106

3. Depożitu Špaċinċe (Depożitu Nru 13)

Isem taż-żona ta' estrazzjoni/numru ta'referenza: Špaċinċe/098/A

Il-medda taż-żona ta' l-estrazzjoni f'm ²	322 923.89
Tip ta' materjal:	gass naturali
Kobor tar-riservi ġeoloġiċi	10 000 000 m ³ fil-kategorija potenzjalment vijabbli
Żona tar-Reġistru (IĊUTJ — numru ta' identifikazzjoni):	Špaċinċe (861 049)
Distrett/ kodiċi tad-distrett:	Trnava/207
Stat tas-sit ta' produzzjoni:	Depożiti sfruttati sa l-1996. L-isfruttament ta' depożiti ma ssoktax minn dak iż-żmien.

Koordinati tal-vertiċi taż-żona ta' estrazzjoni Špaċinċe

Vertiċi taż-żona ta' estrazzjoni	Lonġitudini	Latitudni
I	17,62747682	48,42965402
II	17,62520611	48,43127419
III	17,62404136	48,43947535
IV	17,62728349	48,43967919
V	17,63029415	48,43159405

4. Madunice — Velké Kostolany (depożitu Nru 12)

Isem taż-żona ta' estrazzjoni/numru ta'referenza: Velké Kostolany/103/A

Il-medda taż-żona ta' l-estrazzjoni f'm ²	855 000
Tip ta' materjal:	gass naturali
Kobor tar-riservi ġeoloġiċi	85 000 000 m ³ li minnhom 59 000 000 m ³ huma kategorija vijabbli Z ₂ , depożiti ħielsa u 26 000 000 m ³ huma fil-kategorija potenzjalment vijabbli.
Żona tar-Reġistru (IČUTJ — numru ta' identifikazzjoni):	Velké Kostolany (868 141)
Distrett/ kodiċi tad-distrett:	Piešťany/204
Stat tas-sit ta' produzzjoni:	Mindu kienet deżinjata ż-żona ta' l-estrazzjoni fl-1993, id-depożitu ma ġiex sfruttat.

Koordinati tal-vertiċi taż-żona ta' estrazzjoni Velké Kostolany

Vertiċi taż-żona ta' estrazzjoni	Lonġitudini	Latitudni
1.	17,75812592	48,50987684
2.	17,76082136	48,51004290
3.	17,76219538	48,50019246
4.	17,74505428	48,49642573

Il-koordinati ġeografiċi huma fi gradi deċimali u s-sistema ġeodetika hija WGS-84

Proposti għad-deżinjazzjoni/allokazzjoni taż-żoni ta' estrazzjoni msemmija hawn fuq, bi speċifikazzjoni tad-depożitu u żona ta' estrazzjoni korrispondenti, akkumpanjati bl-informazzjoni fuq il-potenzjal tekniku u finanzjarju ta' l-isfruttament u fuq il-possibbiltà li jissolvew il-konflitti ta' interess relatati ma' l-isfruttament tad-depożiti ta' gass naturali msemmija hawn fuq, b'evidenza li l-applikant għandu l-liċenzja minerarja valida jew liċenzja simili maħruġa minn stat li huwa parti kontraenti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropeja, jistgħu jintbagħtu fl-indirizz li ġej: Obvodný banský úrad v Bratislave, Prievozska 30, SK-821 05 Bratislava, f'enviopp issiġillat immarkat "Návrh do výberového konania" (Proposta għal-proċedura ta' selezzjoni), u b' indikazzjoni ta' l-isem ta' l-entità li qed tippreżenta l-proposta.

Il-proposti jridu jaslu mhux aktar tard minn 90 ġurnata wara d-data tal-publikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Deċiżjoni fuq il-proposta se tittieħed mhux iktar tard minn tmax-il xahar wara tmiem dan il-perjodu.

Fl-Uffiċċju Minerarju Distrettwali fi Bratislava (Prievozska 30, SK-821 05 Bratislava), dak li jkun jista' wkoll jikkonsulta mapap li juru l-konfini taż-żoni ta' estrazzjoni msemmija hawn fuq u jieħu kopja tad-deċiżjoni li tiddeżinjahom bħala żoni ta' estrazzjoni.

L-Uffiċċju Minerarju Distrettwali fi Bratislava huwa l-awtorità kompetent ibiex jagħti awtorizzazzjonijiet għall-isfruttament tad-depożiti fiż-żoni ta' estrazzjoni msemmija hawn fuq. Il-kriterji, kondizzjonijiet u rekwiżiti speċifikati fl-Artikoli 5(1) u (2) u 6(2) tad-Direttiva huma stipulati fl-Att Nru 51/1988 Coll. tal-Kunsill Nazzjonali Slovakk dwar l-attivitatijiet minerarji, l-isplussivi u l-Amministrazzjoni Minerarja ta' l-Istat, kif emendat bl-Att Nru 499/1991 Coll. tal-Kunsill Nazzjonali Slovakk, l-Att Nru 154/1995 Coll. tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakk, l-Att Nru 58/1998 Coll. u l-Att Nru 533/2004 Coll.

Aktar informazzjoni hija disponibbli b'dan in-numru tat-telefon: (421) 2 5341 7309 jew bil-posta elettronica lil: obuba@mail.t-com.sk